A.L. 159 tal-2009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Università

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 126 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport flimkien mal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Università, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-1999 dwar id-Drittijiet tal-Università, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 160 tal-1999.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru, 2009.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara l-partita 21 fir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, għandha tidħol din il-partita ġdida li gejja:

KOLONNA 1	KOLONNA 2
Korsijiet	Dritt għal kull sena akkademika
"22. Korsijiet li jwasslu għal *Bachelor of Education (Hons.) in Early Childhood Education and Care*	€840.00".